MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2008

Appell Kriminali Numru. 126/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. J. Cilia)**
**Vs**
**Aaron Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

1. nhar l-1, 7, 8, 16 u l-24 ta' Frar, 2008 u fl-4 ta' Marzu, 2008, f'Malta, naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D, b'digriet ta' dik l-istess Qorti datat nhar l-4 ta' Frar, 2005 li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija personali ta' erbat elef u sitt mija w wiehed u hamsin Euro u sittax il-euro cent (€4651.16) (elfejn lira Maltin LM2000) u fost kundizzjonijiet ohra li jirraporta fl-ghassa tal-Pulizija taz-

Zurrieq kuljum bejn it-tmienja ta' filghodu w it-tmienja ta' filghaxija (8.00 a.m. – 8.00 p.m.) u kif ukoll li jidher ghal kull att tal-process fid-data, hin, u lok li jigu lilu ordnati mill-Qorti, u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, diversament preseduti, liema sentenza saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula jew imhassra

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 t'April, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 49, 50, 278 u 579(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu w ikkundannatu ghal tlett (3) xhur prigunerija w ordnat l-arrest mill-gdid tieghu billi rrevokat il-helsien mill-arrest li nghata b'digriet nhar 4 ta' Frar, 2005 minn dik il-Qorti diversament preseduta w ordnat li s-somma flus moghtija bhala garanzija personali nhar l-4 ta' Frar, 2005, fis-somma t'elfejn lira Maltin (LM2000) ekwivalenti ghal erbat elef sitt mija w hamsin Euro (€4650) jghaddu favur il-Gvern ta' Malta w ordnat li kopja ta' din is-sentenza tigi mghoddija lir-Registratur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-6 ta' Mejju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tannulla s-sentenza appellata w tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

Illi mhux qed jigi kontestat il-fatt per se li fid-dati msemmija fl-akkuza, l-appellant ma' ottomperax ruhu mal-

kundizzjonijiet mposti fuqu meta nghata l-liberta' provvizorja kif fuq intqal, ghalkemm id-difiza targumenta li dana sar ghaliex kellu xi disturbi psikjatrici w kien qieghed anki jiehu xi medicina kif jidher minn ricetta ta' Dr. Joseph Cassar.
Ikkonsidrat

Illi n-nuqqas ta' l-appellant ma kienx limitat ghal xi okkazzjoni wahda jew tnejn imma jidher li fuq firxa ta' ftit gimghat irrepeta ruhu sitt (6) darbiet u l-appellant li jidher mill-fedina penali tieghu li huwa midhla tal-Qrati, ghaliex kellu diversi kundanni diga' anki fuq akkuzi serji, jmissu ha hsieb li l-kundizzjoni psikjatrika tieghu tingieb a konjizzjoni tal-Qorti w, jekk hemm bzonn, jitlob xi varjazzjoni fil-kundizzjonijiet tal-liberta' provvizorja w mhux jaqbad jiehu arbitrarjament il-ligi b'idejh u jiddeciedi li ma jmurx jiffirma kull meta hass li m'ghandux imur.

Illi meta din il-Qorti mbaghad qieset il-fedina penali tal-appellant, tara illi huwa diga' ssubixxa mhux inqas minn erba' kundanni fuq akkuzi ta' serq kwalifikat kontinwat, theddid fuq ufficjali tal-ordni pubbliku w reati ohra. Fic-cirkostanzi ghalhekk ma tarax li ghandha tvarja d-deskrizzjoni tal-Ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena tar-reat dedott kontra l-appellant illi fil-fatt kien ammetta l-htijiet tieghu quddiem l-Ewwel Qorti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------